**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Epidyolex 100 mg/mL soluzzjoni orali**
cannabidiol

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel ma int jew il-pazjent tibdew tieħdu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik jew għall-pazjent.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**


1. X'inhu Epidyolex u għalxiex jintuża.
**2.** X'għandkom tkunu tafu int jew il-pazjent qabel ma tieħdu Epidyolex.
**3.** Kif inti jew il-pazjent għandkom tieħdu Epidyolex.
**4.** Effetti sekondarji possibbli.
**5.** Kif taħżen Epidyolex.
**6.** Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra.


## 1. X'inhu Epidyolex u għalxiex jintuża

Epidyolex fih cannabidiol, mediċina li tista' tintuża biex tittratta l-epilessija, kundizzjoni fejn persuna jkollha aċċessjonijiet jew attakki ta' epilessija.

Epidyolex jintuża flimkien ma' clobazam jew ma' clobazam u mediċini oħra kontra l-epilessija biex jiġu ttrattati aċċessjonijiet li jseħħu b'żewġ kundizzjonijiet rari, imsejħa sindrome ta' Dravet u sindrome ta' Lennox-Gastaut. Jista' jintuża f'adulti, adolexxenti u tfal li jkollhom mill-inqas sentejn.

Epidyolex jintuża anke flimkien ma' mediċini oħra kontra l-epilessija biex jiġu ttrattati aċċessjonijiet li jseħħu b'disturb ġenetiku msejjaħ kumpless ta' sklerożi tuberuża (TSC - *tuberous sclerosis complex*). Jista' jintuża f'adulti, adolexxenti u tfal li jkollhom mill-inqas sentejn.

## 2. X'għandkom tkunu tafu int jew il-pazjent qabel ma tieħdu Epidyolex

**Tiħux Epidyolex**
- jekk inti allerġiku għal cannabidiol jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6).
- jekk it-tabib tiegħek jiddetermina li għandek ċertu riżultati ta' testijiet tad-demm tal-fwied anormali.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din Epidyolex jew matul it-trattament jekk:
- għandek jew kellek problemi tal-fwied, għax it-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jibdel id-doża ta' Epidyolex jew jista' jiddeċiedi li Epidyolex mhux adattat għalik.
  It-tabib tiegħek jista' jagħmel testijiet tad-demm biex jiċċekkja il-fwied tiegħek qabel ma tibda tieħu din il-mediċina u matul it-trattament, għax Epidyolex jista' jikkawża problemi tal-fwied. Jekk il-fwied tiegħek mhux qed jaħdem kif suppost, jista' jkun hemm bżonn li jitwaqqaf it-trattament tiegħek.

- jekk tinnota bidliet mhux tas-soltu fil-burdati jew fl-imġiba tiegħek jew ikollok ħsibijiet li tweġġa' jew toqtol lilek innifsek. **Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew mur l-isptar immedjatament** (Ara sezzjoni 4).
- Epidyolex jista' jqabbdek in-ngħas. Issuqx, tħaddimx magni, jew tiħux sehem f'attivitajiet li jeħtieġu li tkun allert jew ikollok kontroll tajjeb, bħal li ssuq ir-rota sakemm tkun taf kif qed jaffettwak Epidyolex.
- tieqaf tieħu Epidyolex f'daqqa.
- jekk ikollok aċċessjonijiet aktar frekwenti, jew jekk tesperjenza aċċessjoni serja waqt li qed tieħu Epidyolex. **Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew mur fi sptar immedjatament.**
- tesperjenza telf ta' piż jew ma tkunx tista' żżid fil-piż. It-tabib tiegħek se jimmonitorja l-piż tiegħek u jevalwa jekk it-trattament b'Epidyolex għandux jitkompla.

**Tfal u adolexxenti**
Epidyolex mhuwiex rakkomandat għall-użu fi tfal taħt l-età ta' sentejn.

**Mediċini oħra u Epidyolex**
Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra. Jekk tieħu Epidyolex ma' ċerti mediċini oħra, dan jista' jikkawża effetti sekondarji, jaffettwa kif jaħdmu l-mediċini l-oħra, jew jaffettwa kif jaħdem Epidyolex. Tibdiex jew tiqafx tieħu mediċini oħra mingħajr ma tkellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
Għid lit-tabib jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin, għax id-doża tiegħek jaf ikollha bżonn tiġi aġġustata:
- mediċini oħra tal-epilessija, bħal carbamazepine, clobazam, lamotrigine, lorazepam, phenytoin, stiripentol u valproate, li jintużaw biex jittrattaw l-aċċessjonijiet
- mediċini oħra użati fit-trattament ta' TSC, inklużi everolimus jew tacrolimus
- mediċini li jintużaw biex jittrattaw rifluss gastriku (ħruq ta' stonku jew rigurġitazzjoni tal-aċidu) bħal omeprazole
- mitotane (mediċina li tintuża biex tittratta tumuri fil-glandoli adrenali)
- morfina jew diflunisal (mediċini li jintużaw biex jittrattaw l-uġigħ)
- efavirenz (mediċina li tintuża biex tittratta l-HIV/AIDS)
- theophylline (mediċina li tintuża biex tittratta l-ażżma)
- kaffeina (mediċina għat-trabi li jkollhom bżonn għajnuna biex jieħdu n-nifs)
- propofol (anestetiku li jintuża għal nies li jkunu qed jagħmlu operazzjoni)
- simvastatin, fenofibrate, gemfibrozil, (mediċini li jintużaw biex inaqqsu l-kolesterol/lipidi)
- enzalutamide (mediċina li tittratta l-kanċer tal-prostata)
- bupropion (mediċina li tgħin biex twaqqaf it-tipjip jew biex tittratta l-obeżità)
- St. John's wort (*Hypericum perforatum*) (mediċina li ġejja mill-ħxejjex li tintuża biex tittratta ansjetà ħafifa)
- mediċini biex jittrattaw infezzjonijiet batterjali bħal rifampin, clarithromycin u erythromycin

**Epidyolex ma' ikel**
Għandek dejjem tieħu Epidyolex skont l-istruzzjonijiet tat-tabib tiegħek u b'mod konsistenti jew mal-ikel jew fuq stonku vojt, inkluż ikliet b'ħafna xaħam (bħal dieta ketoġenika). Jekk tieħu Epidyolex mal-ikel, għandu jittieħed ma' tip ta' ikel simili (eż. b'kontenut ta' xaħam simili), jekk dan ikun possibbli. (Ara wkoll Sezzjoni 3, Kif għandek tieħu Epidyolex).

**Tqala, treddigħ u fertilità**
Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. M'għandekx tieħu Epidyolex waqt li tkun tqila ħlief jekk it-tabib tiegħek jiddeċiedi li l-benefiċċji huma akbar mir-riskji potenzjali.
M'għandekx tredda' waqt li tkun qed tieħu Epidyolex, għax x'aktarx Epidyolex ikun preżenti fil-ħalib tas-sider.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
Kellem lit-tabib tiegħek dwar is-sewqan, it-tħaddim ta' magni jew meta t-tfal jagħmlu attivitajiet bħal sewqan tar-rota jew sport ieħor, għax inti jew il-pazjent tiegħek tistgħu tħossukom bi ngħas wara li tieħdu din il-mediċina. M'għandekx issuq, tħaddem magni jew tieħu sehem f'attivitajiet li jeħtieġu li

tkun allert u jkollok kontroll tajjeb, sakemm jiġi stabbilit li l-abilità tiegħek biex twettaq dawn l-attivitajiet mhux affetwata.

**Epidyolex fih żejt tal-ġulġlien raffinat, alkoħol (ethanol), komponenti tat-togħma tal-frawli (inkluż benzyl alcohol).**
Epidyolex fih żejt tal-ġulġlien raffinat li rarament jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi severi.

Kull mL ta' Epidyolex fih 79 mg ta' ethanol ekwivalenti għal 10% v/v anhydrous ethanol, jiġifieri sa 691.3 mg f'kull doża waħda massima ta' Epidyolex (12.5 mg/kg) għal adult li jiżen 70 kg (9.9 mg ethanol/kg). Għal adult li jkun jiżen 70 kg, dan huwa ekwivalenti għal 17-il millilitru (mL) birra, jew 7 mL nbid f'kull doża.

Din il-mediċina fiha 0.0003 mg/mL ta' benzyl alcohol li hu ekwivalenti għal 0.0026 mg tad-doża massima ta' Epidyolex (Epidyolex 12.5 mg/kg f'kull doża għal adult li jiżen 70 kg).
Benzyl alcohol jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi.

## 3. Kif inti jew il-pazjent għandkom tieħdu Epidyolex

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Epidyolex huwa soluzzjoni orali (likwidu li għandu jinbela'). It-tabib u l-ispiżjar tiegħek se jgħidulek kemm għandek (numru ta' mL) tieħu Epidyolex kuljum, kemm-il darba għandek tieħdu kuljum u liema siringa għandek tuża għad-doża tiegħek (1 mL jew 5 mL).

It-tabib tiegħek se jikkalkula d-doża skont il-piż tal-ġisem tiegħek. Tista' tibda fuq doża baxxa li t-tabib tiegħek iżidlek b'mod gradwali maż-żmien. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jekk m'intix żgur mid-doża tiegħek jew jekk taħseb li d-doża tiegħek jista' jkollha bżonn tinbidel.

Jekk tieħu Epidyolex mal-ikel dan jista' jżid l-ammont tal-mediċina li jassorbi ġismek. Kemm jista' jkun għandek tipprova tieħu Epidyolex b'mod konsistenti fir-rigward jew mal-ikel jew fuq stonku vojt, u skont ir-rutina ta' kuljum tiegħek, biex tieħu l-istess effett kull darba. Jekk tieħu Epidyolex mal-ikel, għandu jittieħed ma' tip ta' ikel simili (eż. b'kontenut ta' xaħam simili), jekk dan ikun possibbli.

Jekk ikun meħtieġ, Epidyolex jista' jittieħed permezz ta' tubu nażogastriku jew tal--gastrostomija. It--tabib tiegħek se jagħtik istruzzjonijiet dwar kif tagħmel dan. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Għid lit-tabib tiegħek jekk ikollok problemi tal-fwied għax it-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jaġġusta d-doża.

M'għandekx tnaqqas id-doża jew twaqqaf din il-mediċina, ħlief meta t-tabib jgħidlek biex tagħmel hekk.

<u>Istruzzjonijiet għall-użu għal ħalq ta' Epidyolex</u>

Il-pakkett fih l-affarijiet li ġejjin
- Flixkun ta' soluzzjoni orali ta' Epidyolex
- Borża tal-plastik li fiha żewġ siringi tal-ħalq ta' 1 mL u adapter tal-flixkun
- Borża tal-plastik li fiha żewġ siringi tal-ħalq ta' 5 mL u adapter tal-flixkun

Siringa żejda ta' kull daqs hija pprovduta fil-pakkett f'każ li l-ewwel waħda tkun bil-ħsara jew tintilef.




1. Iftaħ il-borża li fiha s-siringa tal-ħalq it-tajba biex tkejjel id-doża tiegħek.

- Jekk id-doża tiegħek hija ta' **1 mL (100 mg) jew inqas**, għandek tuża s-siringa iżgħar ta' 1 mL.
- Jekk id-doża tiegħek hija ta' **aktar minn 1 mL (100 mg)**, għandek tuża s-siringa akbar ta' 5 mL.

- Jekk id-doża tiegħek hija ta' **aktar minn 5 mL (500 mg)**, għandek tuża s-siringa akbar ta' 5 mL għal aktar minn darba. F'dan il-każ, żomm kont ta' kemm-il darba tkun imlejt is-siringa (eż., billi timmarka kull doża ta' 5 mL, rispettivament) sabiex tieħu d-doża t-tajba.

Huwa importanti li tuża s-siringa tal-ħalq it-tajba biex tkejjel id-doża tiegħek. It-tabib jew l-ispiżjar tiegħek se jgħidulek liema siringa għandek tuża skont id-doża li ngħatat riċetta għaliha.
Skont id-direzzjonijiet mit-tabib jew l-ispiżjar, il-borża li fiha s-siringi l-oħra u l-adapter għandha tintrema mill-pakkett sakemm it-tabib jew l-ispiżjar ma jgħidulekx iżżomm iż-żewġ siringi sakemm tkun intlaħqet l-aħħar doża tiegħek.



2. Neħħi l-għatu fuq il-flixkun li ma jinfetaħx mit-tfal billi timbotta l-għatu 'l isfel filwaqt li ddawwar l-għatu lejn ix-xellug.



3. Imbotta l-adapter tal-flixkun b'mod sod fl-għonq tal-flixkun u żgura li mdaħħal għal kollox. L-adapter jista' jinqala' u jikkawża sadd (wieħed jifga') jekk ma jkunx imdaħħal 'il ġewwa għal kollox.



4. Daħħal il-ponta tas-siringa tal-ħalq it-tajba għal kollox fl-adapter tal-flixkun, u bis-siringa tal-ħalq f'postha, dawwar il-flixkun rasu 'l isfel.



5. Bil-mod iġbed il-planġer tas-siringa lura, sabiex il-volum (numru ta' mL) tas-soluzzjoni meħtieġ jinġibed fis-siringa. Ġib it-tarf tal-planġer bi dritt mal-marka tal-volum meħtieġ, kif muri fuq l-oppost.

   Jekk ikun hemm bużżieqa tal-arja fis-siringa, imbotta l-likwidu lura fil-flixkun filwaqt li żżomm il-flixkun rasu 'l isfel, u rrepeti Pass 5 sakemm il-bużżieqa ma tibqax tidher.



6. Dawwar il-flixkun ’il fuq, u bil-galbu neħħi s-siringa tal-ħalq mill-adapter.



7. Poġġi l-ponta tas-siringa tal-ħalq fil-warda tal-wiċċ, u mbotta bil-mod il-planġer biex terħi l-mediċina. M’għandekx timbotta l-planġer bis-saħħa jew timmira l-mediċina għan-naħa ta’ wara tal-ħalq jew il-ġerżuma.

   Jekk id-doża tkun aktar minn 5 mL, irrepeti Passi 4 sa 7 biex tagħti d-doża li jmiss billi tuża s-siringa tal-ħalq ta’ 5 mL.



8. Erġa’ ssikka l-għatu li ma jinfetħax mit-tfal fuq il-flixkun, billi ddawwar l-għatu lejn il-lemin – m’għandekx bżonn tneħħi l-adapter tal-flixkun, għax l-għatu se jiffittja fuqu.



9. Imla kikkra b’ilma bis-sapun fietel u naddaf is-siringa tal-ħalq billi tiġbed l-ilma ’l ġewwa u ’l barra billi tuża l-planġer.



10. Neħħi l-planġer mill-bettija tas-siringa, u laħlaħ iż-żewġ partijiet taħt l-ilma tal-vit. Tpoġġix is-siringa tal-ħalq fid-dishwasher.

    Neħħi kull ilma miż-żewġ partijiet u ħallihom jinxfu fl-arja sakemm jerġgħu jintużaw. Żgura li s-siringa tal-ħalq tkun niexfa għal kollox qabel ma terġa' tużaha, għax inkella tista' ġġiegħel lis-soluzzjoni tidher imċajpra jekk jidħol xi ilma fil-flixkun.

    Jekk is-soluzzjoni fil-flixkun issir imċajpra, mhux se jibdel kemm taħdem tajjeb. Kompli uża l-mediċina b'mod normali.



**Jekk inti jew il-pazjent tiegħek tieħdu Epidyolex aktar milli suppost**
Jekk inti stajt ħadt Epidyolex aktar milli suppost, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek immedjatament, jew ikkuntattja lill-eqreb dipartiment ta' emerġenza ta' sptar, u ħu l-mediċina miegħek.
Sinjali ta' li tkun ħadt Epidyolex aktar milli suppost jinkludu dijarea u ngħas.
**Jekk inti jew il-pazjent tiegħek tinsew tieħdu Epidyolex**
Jekk tinsa tieħu doża, m'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Ħu d-doża li jkun imiss fil-ħin normali. Jekk tinsa tieħu ħafna dożi, jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek dwar id-doża korretta li għandek tieħu.
**Jekk inti jew il-pazjent tiegħek tieqfu tieħdu Epidyolex**
Tnaqqasx id-doża jew tiqafx tieħu Epidyolex mingħajr ma titkellem mat-tabib tiegħek l-ewwel.
It-tabib se jispjega kif tieqaf tieħu Epidyolex b'mod gradwali.
Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

L-effetti sekondarji li ġejjin jistgħu jkunu **serji ħafna:**

- Livelli għolja ta' enzimi fil-fwied (żidiet fil-livelli tat-transaminases) li dehru f'testijiet tad-demm, li jistgħu jkunu sinjal ta' ħsara tal-fwied, ġew irrappurtati f'pazjenti li kienu qed jirċievu Epidyolex
- Persuni li jieħdu din il-mediċina jista' jkollhom ħsibijiet li jweġġgħu jew joqtlu lilhom infushom. Jekk ikollhom dawn il-ħsibijiet fi kwalunkwe ħin, ikkuntattja lit-tabib tiegħek

Jista' jkollok l-effetti sekondarji li ġejjin b'din il-mediċina. Għid lit-tabib tiegħek jekk ikollok xi wieħed minn dawn l-effetti li ġejjin:

**Effetti sekondarji komuni ħafna** (jistgħu jaffettwaw aktar minn 1 minn kull 10 persuni):

- tħossok imħeddel jew bi ngħas
- dijarea
- tnaqqis fl-aptit
- deni
- rimettar
- tħossok għajjien

**Effetti sekondarji komuni** (jistgħu jaffettwaw aktar minn 1 minn kull 100 persuni):

- testijiet tad-demm li juru żidiet fil-livelli ta' ċerti enzimi tal-fwied
- aċċessjonijiet
- tkun b'burdata ħażina (irritabbli, aggressiv)
- raxx
- nuqqas ta' enerġija
- sogħla
- pnewmonja
- telf ta' piż
- tħossok imdardar
- infezzjoni fl-apparat tal-awrina

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Epidyolex

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-flixkun. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Jekk tibqa' kwalunkwe soluzzjoni fil-flixkun għal aktar minn 12-il ġimgħa wara li jkun infetaħ għall-ewwel darba, m'għandekx tużaha.

Dan il-prodott mediċinali m'għandux bżonn ħażna speċjali.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Epidyolex**
- Is-sustanza attiva hi cannabidiol. Kull mL ta' soluzzjoni orali fih 100 mg ta' cannabidiol.
- Is-sustanzi mhux attivi l-oħra huma żejt tal-ġulġlien raffinat, anhydrous ethanol, sucralose u togħma tal-frawli (inkluż benzyl alcohol)

**Kif jidher Epidyolex u l-kontenut tal-pakkett**
Epidyolex hu soluzzjoni orali ċara, bla kulur għal kulur isfar. Jiġi fi flixkun li jkollu għatu li ma jinfetaħx mit-tfal, flimkien ma' żewġ siringi tal-ħalq għad-dożaġġ identiċi ta' 5 mL jew 1 mL u żewġ adapters tal-flixkun biex tuża dawn is-siringi. Is-siringi ta' 5 mL huma gradwati f'inkrementi ta' 0.1 mL u s-siringi ta' 1 mL huma gradwati f'inkrementi ta' 0.05 mL.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**

GW Pharma (International) B.V.,
Databankweg 26, 3821AL Amersfoort, L-Olanda
e-mail: medicalinfo@gwpharm.com

**Manifattur**

GW Pharma (International) B.V.,
Databankweg 26, 3821AL Amersfoort, L-Olanda
e-mail: medicalinfo@gwpharm.com

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

| | |
|---|---|
| **België/Belgique/Belgien**<br>Tél/Tel: +31(0)337981015 | **Lietuva**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **България**<br>Тел.: +31(0)337981015 | **Luxembourg/Luxemburg**<br>Tél/Tel: +31(0)337981015 |
| **Česká republika**<br>Tel: +31(0)337981015 | **Magyarország**<br>Tel.: +31(0)337981015 |
| **Danmark**<br>Tlf: +45 69918419 | **Malta**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Deutschland**<br>Tel: +49(0)3022957821 | **Nederland**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Eesti**<br>Tel: +31(0)337981015 | **Norge**<br>Tlf: +31(0)337981015 |
| **Ελλάδα**<br>Τηλ: +31(0)337981015 | **Österreich**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **España**<br>GW Pharma Spain, S.L.<br>Tel: +34-914197379 | **Polska**<br>Tel.: +31(0)337981015 |
| **France**<br>Exploitant :Jazz Pharmaceuticals France SAS<br>Tél: +33(0) 4 37 49 85 85 | **Portugal**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Hrvatska**<br>Tel: +31(0)337981015 | **România**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Ireland**<br>Tel: +31(0)337981015 | **Slovenija**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Ísland**<br>Sími: +31(0)337981015 | **Slovenská republika**<br>Tel: +31(0)337981015 |
| **Italia**<br>GW Pharma Italy S.R.L.<br>Tel: +39(0)687501801 | **Suomi/Finland**<br>Puh/Tel: +31(0)337981015 |
| **Κύπρος**<br>Τηλ: +31(0)337981015 | **Sverige**<br>Tel: +46 406688521 |

| | |
|---|---|
| **Latvija**<br>Tel: +31(0)337981015 | **United Kingdom (Northern Ireland)**<br>Tel: +44(0)1223 238170 |

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' 01/2022**.

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**
Informazzjoni ddettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu. Hemm ukoll links għal siti elettroniċi oħra dwar mard rari u kura.